Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2023/2129(DEC)

25.1.2024

OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza 2022: Baġit ġenerali tal-UE - Il-Kummissjoni Ewropea
(2023/2129(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Robert Biedroń

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija valur ewlieni tal-Unjoni minqux fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; billi l-Artikolu 8 tat-TFUE jimpenja lill-Unjoni biex telimina l-inugwaljanzi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bejn l-irġiel u n-nisa, kif ukoll l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri;

B. billi l-Parlament Ewropew ripetutament talab lill-Kummissjoni tippromwovi u timplimenta l-użu tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, l-ibbaġitjar skont il-ġeneru, u l-valutazzjonijiet tal-impatt fir-rigward tal-ġeneri fl-oqsma ta' politika kollha tal-Unjoni bħall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni u r-rapportar;

C. billi f'għadd ta' Stati Membri b'rati baxxi ta' twelid, in-nisa u l-koppji jixtiequ li jkollhom it-tfal iżda fil-prattika ma jitħallewx jagħmlu dan bħala konsegwenza ta' diffikultajiet ekonomiċi, mhux b'għażla iżda bħala riżultat ta' kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol aktar diffiċli, li jwasslu għal livelli ogħla ta' qgħad fost in-nisa u jagħmluha aktar diffiċli għalihom, kif ukoll għall-ġenituri, biex igawdu d-drittijiet rispettivi tagħhom tal-maternità u tal-paternità fuq il-post tax-xogħol, u jagħmlu l-aċċess għal servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja u faċilitajiet għall-kura tat-tfal aktar diffiċli; billi huwa vitali li jiġi żgurat li n-nisa jkollhom id-dritt għax-xogħol bi drittijiet u mingħajr ma jiġi affettwat id-dritt għall-maternità, peress li n-nisa għadhom dawk li jintlaqtu l-agħar u jbatu l-aktar mid-diskriminazzjoni; billi eżempji ta' din id-diskriminazzjoni jinkludu pressjoni mill-impjegaturi fuq in-nisa li jattendu intervisti tax-xogħol li fihom jiġu mistoqsija jekk għandhomx tfal u kemm għandhom età flimkien ma' pressjonijiet ekonomiċi u relatati max-xogħol fuq impjegati nisa biex ma jiħdux liv tal-maternità;

D. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-Unjoni ġiet affettwata b'mod partikolari mill-konsegwenzi tal-gwerra fl-Ukrajna, il-kriżi tal-għoli tal-ħajja, li n-nisa huma affettwati b'mod sproporzjonat minnhom, u r-rigressjoni kontra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa, speċjalment fir-rigward tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR) f'diversi Stati Membri; billi dan ikompli japprofondixxi l-inugwaljanzi u jxekkel l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

1. Jenfasizza li perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri għandha tiġi integrata u żgurata fl-oqsma ta' politika, l-istadji u l-miżuri ta' taffija kollha, b'mod partikolari fid-dawl tal-aspetti bbażati fuq il-ġeneru tal-kriżijiet li għaddejjin bħalissa bħall-gwerer, il-kriżi tal-klima u tal-enerġija, l-inflazzjoni, u r-rigressjoni kontra d-drittijiet tan-nisa, speċjalment is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR) fl-Unjoni u madwar id-dinja; jisħaq fuq l-importanza tal-ibbaġitjar skont il-ġeneru fil-miżuri kollha ta' rkupru u ta' taffija biex isir użu mill-programmi tal-UE għall-mitigazzjoni tal-impatti abbażi tal-ġeneru ta' kriżijiet differenti;

2. Itenni t-tħassib tiegħu dwar l-interrelazzjoni bejn l-attakki fuq l-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem u r-rigress fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-

drittijiet tan-nisa; jistieden lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex issaħħaħ l-istat tad-dritt fl-Unjoni, b'mod partikolari dawk il-proposti legali mmirati lejn il-protezzjoni tal-baġit tal-UE f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt, il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tan-nisa u l-ksur tal-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-missjoni ewlenija ta' dawk li jingħatawlhom il-fondi tal-UE u ma jingħatax finanzjament u jiġi żgurat li l-fondi tal-UE ma jkunux disponibbli għal kwalunkwe entità li tuża l-fondi tal-UE bl-iskop li xxejjen id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-drittijiet fundamentali tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż l-SRHR u d-drittijiet tan-nisa għall-integrità tal-ġisem, l-awtonomija u l-awtodeterminazzjoni; jistieden lill-Istati Membri jissalvagwardjaw is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, inkluż l-aċċess għal kura sikura u legali għall-abort u b'mod partikolari billi jiżguraw id-disponibbiltà ta' programmi u servizzi tas-saħħa riproduttiva li jipprovdu t-tipi ta' kura u mediċini meħtieġa għall-ippjanar volontarju tal-familja u s-saħħa materna u tat-trabi tat-twelid;

3. Jinnota l-metodoloġija tal-Kummissjoni għat-traċċar tal-aspetti relatati mal-ġeneru tan-nefqa mill-2023; ifakkar li 2 % biss tal-baġit tal-Unjoni ġie vvalutat bħala li għandu objettiv prinċipali li jtejjeb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb dan il-punteġġ billi tintegra l-perspettiva tal-ġeneri mill-bidu tat-tfassil tal-programm; itenni li huwa meħtieġ aktar dettall sabiex il-maġġoranza tal-infiq (73 %) attwalment ivvalutata bħala 0* "potenzjal li jikkontribwixxi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri" tkun tista' tinftiehem bis-sħiħ; jinnota bi tħassib li r-Rapport Speċjali Nru 10/2021, ippubblikat mill-QEA, ikkonferma li ċ-ċiklu baġitarju tal-Unjoni għadu ma jqisx b'mod adegwat l-ugwaljanza bejn il-ġeneri peress li l-elementi ewlenin, bħall-analiżi tal-ġeneru, l-objettivi relatati mal-ġeneru, l-indikaturi u l-obbligu ta' rendikont permezz tar-rapportar, huma fil-biċċa l-kbira neqsin;

4. Jilqa' l-ħidma tal-Kummissjoni fuq klassifikazzjoni ġdida biex jitkejjel l-impatt fuq il-ġeneri tal-infiq tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li din il-klassifikazzjoni tiffoka fuq rappreżentazzjoni preċiża u komprensiva tal-impatt tal-programmi fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jistieden lill-Kummissjoni, fid-dawl tat-tmiem ta' din il-leġiżlatura, tkompli l-ħidma tagħha dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jitlob Kummissarju għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri għall-mandat li jmiss; jilqa' l-fatt li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri huma wieħed mill-prinċipji orizzontali għall-fondi tal-Unjoni fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għall-2021-2027 u fil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jistieden madankollu lill-Kummissjoni timplimenta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, inkluż fir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali attwali u l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li din il-klassifikazzjoni tiffoka fuq rappreżentazzjoni preċiża u komprensiva tal-impatt tal-programmi u l-fondi eżistenti kollha; itenni, f'dan il-kuntest, li metodoloġija komprensiva ta' traċċar tal-ġeneri jeħtieġ li tinkludi rapportar dwar l-impatti negattivi fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

5. Jinsisti li n-nisa u l-irġiel għandhom jibbenefikaw b'mod ugwali mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, b'mod partikolari fid-dawl tad-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi ta' 13 %; ifakkar li l-Kummissjoni introduċiet valutazzjoni tal-ġeneru tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza tal-Istati Membri biss bħala valutazzjoni *ex ante*, li żvelat li xi

Stati Membri ma kellhom l-ebda miżura mmarkata bħala li tiffoka fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jenfasizza għalhekk l-importanza tar-rekwiżiti tal-ġbir tad-data biex ikun jista' jsir ġbir sistematiku u komprensiv ta' data diżaggregata skont il-ġeneru fil-kuntest tal-politiki rilevanti kollha tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tittratta dan bħala prijorità u tagħmel użu mill-opportunitajiet biex ittejjeb ir-rekwiżiti u l-indikaturi tal-ġbir tad-data f'leġiżlazzjoni u rieżamijiet ġodda, bħar-riformulazzjoni tar-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni twettaq l-impenn pożittiv li sar mill-President von der Leyen biex tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fit-tfassil kollu tal-politika u jistieden lill-Kummissjoni twettaq l-impenji tagħha fl-ambitu tal-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025 u jenfasizza wkoll li jeħtieġ li jsir ħafna aktar peress li hemm nuqqas ta' perspettiva tal-ġeneru fil-proposti ewlenin tal-Kummissjoni dwar il-klima, l-ambjent u l-ekonomija ppreżentati; jenfasizza li, f'dawn l-aħħar għaxar snin, wara li faqqgħet il-kriżi ekonomika u finanzjarja, l-inugwaljanzi ekonomiċi, soċjali, fl-impjieg u tal-ġeneru fi ħdan l-Istati Membri għamlu ħajjet in-nisa u l-bniet aktar diffiċli; għal dak l-għan ifakkar fir-rwol importanti tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi fit-tqajjim tal-kuxjenza tal-firxa u l-kawżi tal-inugwaljanza bejn is-sessi fl-UE; jitlob, għalhekk, li l-baġit, il-persunal u l-indipendenza tiegħu jiżdiedu;

6. Itenni t-talbiet tiegħu għal linja baġitarja ddedikata għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, b'mod partikolari fi ħdan il-programm Daphne fid-dawl tal-kriżi tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru li qed tiffaċċja l-Unjoni; jisħaq fuq l-importanza li tissaħħaħ l-inizjattiva Daphne speċifikament iddedikata billi jiżdiedu r-riżorsi tagħha, b'mod partikolari miżuri li għandhom l-għan li jiġġieldu l-livelli kollha u l-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru kontra n-nisa u l-bniet u l-vjolenza domestika f'konformità mal-Artikolu 7(6) tar-Regolament (UE) 2021/692 u li jappoġġaw kif xieraq lill-vittmi; jisħaq, barra minn hekk, fuq l-importanza li jintużaw il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej bħall-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) biex jiġu promossi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-impjieg tan-nisa, l-emanċipazzjoni tan-nisa, l-intraprenditorija, it-tmexxija u r-rwoli maniġerjali, kif ukoll il-faċilitajiet ta' kura fit-tul; jinnota li studju mitlub mill-Kumitat FEMM[1] juri li l-irġiel spiss jingħataw preferenza fuq in-nisa u l-gruppi emarġinati fir-rigward tat-tfassil ta' sussidji u appoġġ fl-ambitu tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", kif ukoll f'politiki, programmi u finanzjamenti oħra għat-tranżizzjoni ekoloġika;

7. Huwa tal-fehma li, fuq il-bażi tad-data attwalment disponibbli, tista' tingħata kwittanza fir-rigward tal-baġit Ġenerali tal-UE fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tiegħu għas-sena finanzjarja 2022.

[1] https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2022/736899/IPOL_STU(2022)736899_EN.pdf

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	24.1.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 23 –: 4 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Christine Anderson, Robert Biedroń, Vilija Blinkevičiūtė, Maria da Graça Carvalho, Margarita de la Pisa Carrión, Gwendoline Delbos-Corfield, Frances Fitzgerald, Lívia Járóka, Arba Kokalari, Alice Kuhnke, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Andżelika Anna Możdżanowska, Johan Nissinen, Carina Ohlsson, Sandra Pereira, Samira Rafaela, Evelyn Regner, Diana Riba i Giner, Eugenia Rodríguez Palop, María Soraya Rodríguez Ramos, Maria Veronica Rossi, Sylwia Spurek, Marco Zullo
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Laura Ballarín Cereza, Sylvie Brunet, Marina Kaljurand, Eleni Stavrou
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Milan Brglez, Rainer Wieland

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

23	+
PPE	Maria da Graça Carvalho, Frances Fitzgerald, Arba Kokalari, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Eleni Stavrou, Rainer Wieland
Renew	Sylvie Brunet, Samira Rafaela, María Soraya Rodríguez Ramos, Marco Zullo
S&D	Laura Ballarín Cereza, Robert Biedroń, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Marina Kaljurand, Carina Ohlsson, Evelyn Regner
The Left	Sandra Pereira, Eugenia Rodríguez Palop
Verts/ALE	Gwendoline Delbos-Corfield, Alice Kuhnke, Diana Riba i Giner, Sylwia Spurek

4	-
ECR	Johan Nissinen, Margarita de la Pisa Carrión
ID	Christine Anderson, Maria Veronica Rossi

2	0
ECR	Andżelika Anna Możdżanowska
NI	Lívia Járóka

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni